# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 20 ta' Mejju 2024**

**Rikors numru 731/2024**

**Ruben Debrincat (KI 0390272M) u Diana Debrincat (KI 0181772M)**
**vs.**
**Mia Carenne Ltd (C 91079)**
**Maria Theresa Zammit (KI 308349M)**
**Giulietta Zammit (KI 730526M)**
**Raymond Zammit (KI 302456M)**
**Olympia Zammit (KI 557357M)**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' **Ruben Debrincat (KI 0390272M) u Diana Debrincat (KI 0181772M);**

Rat id-digriet tagħha tad-29 t'April 2024 fejn ordnat in-notifika immedjata tal-imsemmi rikors lil **Mia Carenne Ltd (C 91079), Maria Theresa Zammit (KI 308349M), Giulietta Zammit (KI 730526M), Raymond Zammit (KI 302456M), Olympia Zammit (KI 557357M)** bi żmien għaxart ijiem għar-risposta filwaqt li ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kap 12 laqgħet provviżorjament it-talba;

Rat ir-risposta tal-intimati datata 9 ta' Mejju 2024;

Semgħet is-sottomissjonijiet estensivi tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

1. L-iskop wara l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun, li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat, biex jiġu mħarsa b'mod prattiku u effettiv il-jeddijiet reklamati mir-rikorrent pendenti d-determinazzjoni ġudizzjarja tagħhom.

2. Bħala regola l-ġurisprudenza teħtieġ li r-rikorrent li jagħmel it-talba tiegħu fit-termini tal-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jrid juri kemm li jkollu l-fumus boni iuris, kif ukoll il-periculum in mora fis-sens li l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni ssir biss fejn ir-rikorrent juri:

   (a) li jkun hemm **<u>il-ħtieġa</u>** tiegħu, billi jekk ma jinħariġx il-mandant tal-inibizzjoni jew id-dewmien fil-ħruġ tiegħu jwassal għall-perikolu ta' telf imminenti u irrimedjabbli tal-jeddijiet li r-rikorrent isostni li jkun igawdi. Din il-**<u>ħtieġa</u>** tar-rikorrent biex jinħareġ il-mandat t'inibizzjoni tfisser li il-mandat t'inibizzjoni ma jinħariġx, ir-rikorrent ikun sejjer isofri l-preġudizzju veru u reali tat-telf tal-jeddijiet li hu jippretendi li għandu. B'hekk is-sempliċi biża, suspett, skumdita, inkonvenjent jew diffikultà fuq ir-rikorrent jekk il-mandat t'inibizzjoni ma jinħariġx ma humiex meqjusa biżżejjed biex jiġġustifikaw dan ir-rekwiżit tal-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni. Il-ħtieġa li jinħareġ dan il-mandat biex jitħarsu effettivament il-jeddijiet reklamati tar-rikorrent hija allura bażata fuq il-prinċipju tal-periculum in mora;

   (b) li dak il-jedd pretiż mir-rikorrent ikun – oġġettivament, b'mod prattiku u konkret mal-ewwel daqqa t'għajn - verament jeżisti favur tiegħu. F'termini ġuridiċi, ir-rikorrent irid sommarjament jipprova li f'dak il-każ partikolari jkunu jeżistu l-elementi ta' fatt u ta' dritt reklamati minnu sal-grad prima faciae. Allura f'dan is-sens ir-rikorrent għandu juri l-fumus boni iuris.

3. Il-Qorti li tanlizza din it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni ma għandhiex, u ma tistax, tużurpa r-rwol tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni li quddiemha tinfetah il-kawża fil-meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet billi tistħarreġ il-provi fil-meritu dwar l-eżistenza, validità, saħħa jew limiti tal-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. Il-Qorti tiddeċiedi din it-talba għall-

ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni biss b'mod sommarju wara li tagħti ħarsa lejn dak li jgħidu l-partijiet fiż-żmien qasir stabbilit mill-Liġi.

4. L-eżitu tar-rikors bit-talba għall-ħruġ tal-mandat tal-inibizzjoni ma għandu ebda effett fuq l-eżitu tal-kawża fil-meritu bejn il-partijiet kontendenti. Għalhekk jekk it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni tiġi milqugħa ma jfissirx li r-rikorrent ikun sejjer jirbaħ il-kawża fil-meritu. Mill-banda l-oħra jekk it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni tiġi miċħuda ma jfissirx li r-rikorrent ma jkollux raġun fil-meritu tal-kawża. It-talba tiegħu għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni tista' tiġi miċħuda, imma fl-aħħar mill-aħħar jirbaħ il-kawża. It-talba tiegħu għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni tista' tiġi miċħuda, iżda jista'fl-aħħar mill-aħħar jirbaħ il-kawża fil-meritu. Kollox ikun jiddependi mill-fattispecie partikolari tal-każ.

5. Biss sabiex talba għal ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni tiġi milqugħa u jinħareġ dan il-mandat, ir-rikorrent irid ikun f'qagħda juri li r-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi għall-ħruġ ta' dan il-mandat ikunu jeżistu fil-każ li huwa jressaq. Fil-każ fejn xi wieħed jew iżjed minn dawk ir-rekwiżiti jkunu nieqsa, il-Qorti ma tistax toħroġ dan il-mandat.

6. Bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, il-mandat t'inibizzjoni irid jiġi mitlub mir-rikorrent fuq bażi bona fide. Dan il-mandat ma jistax jiġi użat bħala strument ta' theddid jew rikatt tal-intimat. Il-ġurisprudenza ma tridx li dan ikun mezz ta' tgħawwiġ tal-idejn tal-intimat jew mezz li bih l-intimat jiġi mċaħħad mit-tgawdija ta' ħwejġu jew il-jeddijiet tiegħu. Bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, dan huwa miżura restrittiva u ta' koerzjoni li żżomm lill-intimat mill-eżerċizzju tat-tgawdija sħiħa ta' ħwejġu jew tal-jeddijiet tiegħu. Iżda dment li jiġu soddisfatti r-rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni u jkun jidher li l-ħruġ tiegħu ikun meħtieġ biex jiġu mħarsa proviżorjament il-jeddijiet tar-rikorrent, allura tali mandat ikun jista' jiġi trankwillament maħruġ mill-Qorti kompetenti.

7. F'dan is-sens il-ġurisprudenza tgħallem li dan il-mandat huwa miżura straordinarja u t'interpretazzjoni stretta. B'hekk huwa wkoll meqjus li l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni huwa l-eċċezzjoni u mhux ir-regola.

**Ikkunsidrat:**

8. Il-pern tat-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni f'dan il-każ huwa l-argument tar-rikorrenti li l-intimati qegħdin jagħmlu skavar fis-sit numru 8, Murray, Triq il-Kajjik, il-Kalkara u li jinsab adjaċenti mad-dar residenzjali tar-rikorrenti, bi ksur tal-artikolu 439 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li ħadd ma jista' jħaffer fil-fond tiegħu bjar, ġwiebi, jew latrini, jew jagħmel tħaffir ieħor għal kull ħsieb li jkun, f'bogħod ta' anqas minn sitta u sebgħin ċentimetru mill-ħajt diviżorju.

9. Il-ġurisprudenza patrija tgħallem li dan il-jedd huwa wieħed rinunzjabbli. F'dan is-sens **Emanuel CARUANA u Victoria Caruana vs Robert CUTAJAR u Tracy Cutajar** degretat fit-28 ta' Novembru 2008 intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta s-segwenti:

> Tqis li, safejn l-ilment tagħhom jirrigwarda t-tħammil f'bogħod anqas minn dak maħsub fl-artikolu 439 tal-kodiċi Ċivili, tali lment huwa mistħoqq bħala jedd prima facie. Kif sewwa issottometta l-għaref avukat tal-intimati, min igawdi dan il-jedd jista' jirrinunzja għalih. Huwa jisħaq li rrikorrenti irrinunzjaw għal dak il-jedd għaliex huma qablu li kellu jsir it-tħammil u l-qtugħ talblat sewwasew sa taħt ilħajt li jifred id-dar tagħhom mis-sit tal-intimat. Filwaqt li xxhud Patrick Vella – il-kuntrattur imqabbad biex jibni s-sit – jgħid li tkellem mar-rikorrent sa minn żmien qabel ma nbeda x-xogħol u kien semmielu li kellu jsir tqattigħ tal-blat u b'liema mod kellu jsir, ir-rikorrent jiċħad li qatt sar kliem dwar tqattigħ qabel ma nbeda x-xogħol. F'dan l-istadju tal-proċedura, din il-Qorti tqis biss li minn dan in-nuqqas ta' qbil, ma jistax jingħad li r-rikorrenti irrinunzjaw għal dak il-jedd tagħhom, ukoll minħabba l-fatt li rinunzja għal jedd trid tkun espressa u nieqsa minn kull ekwivoku;

10. F'dan il-każ jirriżulta li flimkien u bħala parti minn att ta' konvenju datat 16 ta' Mejju 2023 – u li dwar l-eżistenza tiegħu ma hemmx kontestazzjoni – jirriżulta li r-rikorrenti kienu aċċettaw diversi kondizzjonijiet, fosthom method statement li kien jindika kif kellu jsir l-iskavar u l-kostruzzjoni fil-fond adjaċenti għar-residenza tagħhom, u li kien ukoll jinkludi l-iskavar f'distanzi inqas minn dawk legali minn mal-ħajt tar-residenza tagħhom. Dan allura jindika li prima facie huma kienu rrinunzjaw espliċitament għal dak il-jedd.

11. Iżjed minn hekk pero, jirriżulta wkoll minn dokumenti annessi li mhux biss dan kien rinunzjat minnhom, iżda anke ċerti aspetti tekniċi dwar prekawzjonijiet li kellhom jittieħdu u metodi ta' skavar kienu ġew

maqbula mill-perit tar-rikorrenti. Dan jirriżulta wkoll minn emails skambjati bejn it-tekniċi tal-partijiet.

12. Din il-Qorti tqis li r-rikorrenti naqsu milli jippruvaw sal-grad prima faciae dak il-jedd pretiż mir-rikorrent li jrid ikun – oġġettivament, b'mod prattiku u konkret mal-ewwel daqqa t'għajn - verament jeżisti favur tiegħu u dan stante li prima faciae jidher li kienu rrinunzjaw għal dan il-jedd. Il-kwistjoni tal-kopertura assikurattiva o meno hija konsiderazzjoni anċillari importanti; iżda kien messhom rawha sewwa qabel ma ffirmaw il-konvenju b'dak il-method statement li ġie mehmuż.

**Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiddeċiedi dan ir-rikors definittivament billi filwaqt li tilqa' l-argument tan-nuqqas ta' jedd prima facie sollevata mill-intimati, tirrevoka d-digriet tagħha tad-29 t'April 2024 fejn kienet laqgħet proviżorjament ir-rikors u konsegwentement tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat tal-inibizzjoni.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a karigu tar-rikorrent.**

**Tordna notifika ta' dan id-digriet lil partijiet.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**